



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

26.6.2013

B7-0317/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-bidu ta' negozjati dwar Ftehim Plurilaterali dwar is-Servizzi
(2013/2583(RSP))

Franziska Keller, Yannick Jadot, Bart Staes, Eva Lichtenberger
f'isem il-Grupp Verts/ALE

RE941439MT.doc

PE509.963v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0317/2013

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-bidu ta' negozjati dwar Ftehim Plurilaterali dwar is-Servizzi (2013/2583(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-servizzi, partikolarment ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċ fis-servizzi¹,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995,
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' direttivi ta' negozjati għal ftehim plurilaterali dwar il-kummerċ fis-servizzi, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Frar 2013,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi 129 membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) assumew impenji fl-ambitu tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi;
- B. billi t-22 membru tad-WTO² li f'April 2013 bdew jinneqgjaw ftehim plurilaterali dwar is-servizzi (Ftehim tal-Kummerċ fis-Servizzi (TISA)) ġdid huma fil-parti l-kbira pajjiżi żviluppati; billi l-partijiet ta' dawn in-negozjati ma jinkludu l-ebda pajjiż BRICS, l-ebda membru tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u l-ebda pajjiż Afrikan;
- C. billi l-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' direttivi ta' negozjati lill-Kunsill fil-15 ta' Frar 2013 u rċeviet mandat fit-18 ta' Marzu 2013; billi l-Kummissjoni ma kkontemplatx li tistenna lill-Parlament jagħti l-pożizzjoni tiegħu qabel ma ppreżentat l-abbozz ta' direttivi ta' negozjati lill-Kunsill;
1. Hu tal-fehma li s-sistema kummerċjali multilaterali għadha l-aktar qafas leġittmu u effettiv biex jinkisbu regoli kummerċjali ekwi u ġusti fid-dinja kollha; jinnota bi tħassib li inizjattivi ġodda biex tingħata spinta lill-iżvilupp ta' regoli tal-kummerċ bħan-negozjati plurilaterali fuq Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, qed jiġi negozjati barra mill-qafas tad-WTO; jisħaq li jeħtieġ li inizjattivi ġodda jibqgħu ankrati fis-sod fil-qafas tad-WTO;
 2. Jenfasizza li r-regoli globali għall-kummerċ fis-servizzi huma kkodifikati fil-ftehim GATS, li huwa parti integrali mill-ftehim tad-WTO; ifakkar li fl-1995 l-inklużjoni tal-GATS fil-qafas tad-WTO kienet ir-riżultat ta' kompromess globali bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi żviluppati fir-rigward tal-inklużjoni tal-Ftehim dwar l-Agrikultura fil-qafas tad-WTO;

¹ ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 67.

² L-Awstralja, iċ-Ċili, il-Ġappun, Hong Kong, l-Iżlanda, l-Iżrael, il-Kanada, il-Kolombja, il-Kosta Rika, il-Messiku, New Zealand, in-Norveġja, il-Pakistan, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti, l-Isvizzera, it-Tajwan, it-Turkija u l-Unjoni Ewropea.

3. Jinnota li l-kummerè fis-servizzi ngħata attenzjoni limitata waqt iċ-Ċiklu ta' Doha sa mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO f' Hong Kong fl-2005; jagħraf li xi servizzi, bħat-trasport, il-komunikazzjoni u s-servizzi legali, jirrappreżentaw is-sinsla tal-kummerè bejn pajjiżi fi ktajjen tal-valur dinjija li jiddependu ħafna fuq il-liberalizzazzjoni ta' tali servizzi; jenfasizza, madankollu, li n-nuqqas ta' progress fil-liberalizzazzjoni tas-servizzi jirrifletti fil-parti l-kbira l-impass li ntlaħaq fiċ-Ċiklu ta Doha, b' mod partikolari rigward is-settur agrikolu, fosthom in-nuqqas ta' progress fit-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-esportazzjoni agrikola;
4. Jagħraf li l-iskedi tal-GATS tal-partijiet tal-GATS huma parzjalment skaduti, u barra minn hekk, juru livelli differenti ta' liberalizzazzjoni u ta' dixxiplini fir-rigward tal-impenji meħuda mill-membri tad-WTO f' dak li jirrigwarda l-kummerè fis-servizzi; jenfasizza, madankollu, li dan jirrifletti n-natura tas-settur tas-servizzi, li hi fundamentalment differenti mis-settur tal-kummerè fil-merkanzija;
5. Jirrifjuta l-ftuħ u l-ħidma fuq negozjati plurilaterali fuq Ftehim dwar il-Kummerè fis-Servizzi (TISA) għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi li ġejjin;
6. Hu tal-fehma li TISA ma jistax jiġi konkluż b' referenza għall-Artikolu X.9 tal-Ftehim tad-WTO, bl-għan li jiġi inkorporat TISA fl-Anness 4 tiegħu; jemmen li l-Konferenza Ministerjali tad-WTO m'għandhiex l-awtorità li taċċetta ftehim plurilaterali negozjat bejn sottogrupp ta' membri tad-WTO fir-rigward tas-settur tas-servizzi, fejn diġà jeżisti ftehim multilaterali (GATS) imsejjes fuq klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit (MFN); jistieden lill-partijiet li jipparteċipaw fin-negozjati tat-TISA biex jerġgħu jikkunsidraw jekk hux għaqli dan l-approċċ, li m'għandu l-ebda preċedent fl-istorja tad-WTO u li effettivament ibiddel l-arkitettura tas-sistema kummerċjali multilaterali;
7. Jinnota li l-parti l-kbira tal-partiċipanti involuti fl-inizjattiva jiffavorixxu l-konklużjoni ta' TISA taħt l-Artikolu V tal-GATS, bħala ftehim ta' kummerè ħieles plurilaterali (FTA) għas-servizzi, fejn il-benefiċċji ta' dan il-ftehim futur ma jiġux estiżi għas-šhubija šhiha tad-WTO u konsegwentement mingħajr l-applikazzjoni tal-klawżola tal-pajjiż l-aktar favorit tal-GATS¹; ifakkar li sabiex jikkwalifika skont l-Artikolu V tal-GATS, it-TISA jeħtieġ li jkun ambizzjuż ħafna, u jkopri b' mod sostanzjali l-kummerè kollu fis-servizzi, is-setturi tas-servizzi kollha u l-moduli kollha ta' twettiq;
8. Jenfasizza li s'issa l-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi emerġenti ma pparteċipawx fin-negozjati tat-TISA u li wħud minnhom iddikjaraw b' mod ċar l-oppożizzjoni tagħhom għal din l-inizjattiva; huwa konvint li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi emerġenti mhux se jkollhom inċentiva jissieħbu mat-TISA fi stadju aktar avanzat, għax il-ftehim irid ikun ambizzjuż ħafna biex jikkwalifika bħala FTA taħt l-Artikolu V tal-GATS;
9. Jikkonkludi, għaldaqstant, li r-regoli tad-WTO ma jipprovdu l-ebda bażi għal din l-inizjattiva jew għall-interess iddikjarat tal-Unjoni li tavvanza l-liberalizzazzjoni fis-settur tas-servizzi; iwissi li l-inizjattiva TISA tista' wkoll timmina l-prospetti ta' progress fi ħdan il-format u l-arkitettura eżistenti tal-GATS, jekk din titbiegħed mill-kunċett ta' elenkar pożittiv tal-impenji, id-definizzjonijiet u l-prinċipji stipulati fil-GATS u r-regoli tiegħu dwar it-trattament nazzjonali, l-aċċess għas-suq u d-dixxiplini;

¹ Artikolu II tal-GATS.

10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tirtira mill-inizjattiva TISA;
11. Jemmen li, f' sitwazzjoni fejn il-Kummissjoni qed tħabbat wiċċha ma' limitazzjonijiet baġitarji, il-Kunsill jista' jikkunsidra li jirrispondi pożittivament għal talba ta' dan it-tip għal irtirar mill-mandat ta' negozjar ta' TISA, sabiex ir-riżorsi tad-DĠ Kummerċ jintużaw b' mod aħjar għall-ekonomija Ewropea;
12. Jinnota li l-UE diġà kkonkludiet – jew qiegħda fil-proċess ta' negozjati – ftehimiet kummerċjali bilaterali ma' wħud mis-sħab fin-negozjati tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (inkluż il-Ġappun u dalwaqt anki l-Istati Uniti), li jinkludu kapitoli importanti dwar is-servizzi, li fihom jiġu ttrattati aħjar il-kwistjonijiet bilaterali speċifiċi ta' kull pajjiż; jemmen li l-irtirar mill-inizjattiva TISA mhux se jkun ta' żvantaġġ għall-UE;
13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.